**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

# Rapport Amministrattiv Annwali

Jannar sa Diċembru 2011

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena minn Jannar sa Dicembru 2010*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012*

   f. *Għeluq*

## Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn Jannar 2011 sa Diċembru 2011

Għeżież Gżirjani,

F'dan l-aħħar rapport amministrattiv tal-ħames leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Il-Gżira, xtaqt illi flok nagħti rendikont ta' dak illi sar fl-aħħar sena bħala xogħol, naqsam magħkom dak kollu illi l-Kunsill Lokali Il-Gżira rnexxielu jakkwista tul din il-leġiżlatura. Kienu ħames snin intensivi ħafna illi fihom nistqarr illi lħaqna l-miri tagħna kollha u anki eċċedejniehom.

Fil-bidu tal-leġiżlatura konna nħossu illi filwaqt li l-istat tal-maġġoranza tat-toroq tal-lokal ma kienux jeħtieġu l-attenzjoni mmedjata tagħna, ħassejna li konna lura ħafna f'dawk li huma proġetti kapitali mportanti, li jagħfsu iktar fuq edukazzjoni u kultura, li kienu ilhom wisq jiġu mwiegħdin, iżda għal raġunijiet diversi baqgħu ma sarux. Għalhekk, illum qiegħed hawn quddiemkom ngħidilkom li bis-saħħa ta' dan il-Kunsill reġgħet infetħet il-Librerija Pubblika, li kienet ilha magħluqa mill-2001, ftaħna Ċentru t'Attivitajiet għall-Komunita', li minkejja l-perplessitajiet tal-bidu ta' bosta persuni, illum ma nistgħux nimmaġinaw il-Kunsill tagħna jopera mingħajru.

Bdejna l-lejliet sajfin fix-Xatt, l-ħarġiet kulturali u fuq kollox, għat-tfal tagħna, ġibna flimkien 'l entitajiet kbar, fosthom il-*Malta Football Association* u l-Kunsill Malti għall-Isport, biex mingħajr ma nfaqna ċenteżmu mill-fondi tal-Kunsill, tajna lit-tfal Gżirjani *pitch* tal-futbol tat-turf sintetiku li kien ilu jiġi mwiegħed minn Kunsilli preċedenti sa mill-1994.

Dan ma jfissirx illi ma ħdimniex fuq l-infrastruttra anzi, għamilna *embellishment* tant bżonnjuż kemm fil-Ġnien Kunsill tal-Ewropa kif ukoll, fil-*Housing Estate*. Tajna wiċċ ġdid lit-toroq Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni, Nicola Cottoner, Stuart u Ponsonby u bdejna l-ewwel fażi tal-proġett tal-bankini, li kif jitlestew it-tieni u t-tielet fażi, li diġa' hemm flus ivvutati għalihom, il-Gżira jkollha bankini ġodda kullimkien.

Investejna kemm flaħna biex insebbħu l-ambjent tal-lokal tant, li illum il-ġurnata l-indafa fil-lokal qiegħdha fl-ogħla livelli li qatt kienet. Bdejna l-iskema tal-ġbir ta' l-iskart riċiklabbli, rriformajna s-sistema tal-ġbir ta' l-iskart goff u anki tajna attenzjoni partikulari lit-tabelli u s-sinjali tat-traffiku tal-lokal kollu.

Pero' fuq nota personali naħseb, li l-iktar proġett li ser jibqa' għal qalbi huwa dak ta' l-ikla ta' nofsinhar f'Jum il-Milied għal min jgħix waħdu, li

bl-involviment sħiħ ta' Dar Suret il-Bniedem u tan-negozji tal-lokal, irnexxielna npoġġu tbissima fuq dawk il-Gżirjani li għalihom Jum il-Milied kienu jqattawh fis-solitudni.

Sar ħafna xogħol, u jkolli nistqarr li mingħajr il-Viċi Sindku Joe Camilleri, il-Kunsilliera kollha, irrispettivament mill-partit politiku rrappreżentat, u l-i*staff* kollu tal-Kunsill Lokali, dan ix-xogħol kollu li sar ma kienx ikun possibbli.

Fuq nota personali nixtieq nirringrazzja lir-residenti Gżirjani ta' l-appoġġ illi tawni tul dawn l-aħħar ħames snin li fihom kelli l-unur li mmexxi dan il-lokal bħala Sindku, issa li jien wasalt fl-aħħar tal-mandat tiegħi. Nawgura lis-Sindku li ġej u lill-Kunsilliera l-ġodda li jkomplu jżidu fuq it-tajjeb illi sar f'din il-leġiżlatura u bħalma għamilna jien u sħabi, meta jkunu qed jagħmlu x-xogħol tal-Kunsill dejjem iżommu fl-ewwel post l-imħabba u l-interess lejn il-Gżira, il-Gżirjani u t-tfal kollha tagħna.

Grazzi mill-Qalb għall-aħħar darba.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

## 2. REF NRU ADMRP 18/2011 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA minn Jannar sa Diċembru 2011.*

### a. DAĦLA

B'kontwazzjoni mis-sena preċedenti,

l-Kunsill Lokali kompla fuq is-sistemi li ġew introdotti fl-aħħar snin, fejn apparti l-allokazzjoni finanzjarja diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill permezz ta' skemi mnedija mill-istess Gvern, applika għall-fondi addizzjonali sabiex b'hekk ikun jista' jżid in-nefqa annwali tiegħu għall-ġid tal-Komunita' Gżirjana.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-allokazzjoni diretta li ammontat għal €463,130 (Lm198,821.71) liema allokazzjoni, kienet maħduma skont it-tmien skeda ta' l-Att XVI tal-2009, Konsolidazzjoni tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali, bbażata fuq il-funzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. izzamma ta' parki, ġonna u *soft areas*
2. manutenzjoni ta' toroq
3. immaniġjar ta' l-iskart, nkluż tindif tat-toroq
4. nefqa għall-amministrazzjoni, nkluż l-*allowance* tas-Sindku u l-Kunsillieri
5. fond għall-aġġustament
6. ammont allokat għall-*tipping fees*

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-Kunsill irċieva flus direttament għall-ispejjeż tat-*tipping fees*, fond li jkun utulizzat għall-ħlasijiet li l-Kunsill Lokali qed ikun mitlub jagħmel skont it-tunnellaġġi ta' skart domestiku ddepożitati fl-impjanti. Apparti minn din l-allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill Lokali kellu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu, flus mill-fond tal-*Urban Improvement Fund* fi ħdan il-*M.E.P.A.*, sabiex ikunu jistgħu jkomplu jiġu ppjanati u mwettqa proġetti ta' tisbieħ fil-lokalita'.

Fil-fatt, matul is-sena 2011, inħarġet is-sejħa għall-offerti ta' l-ewwel żona ta' tibdil tal-bankini, iż-żona li hi komposta mix-Xatt u l-parti Ċentrali tal-lokalita', proġett li ser ikun iffinanżjat mill-fond tal-*U.I.F*.

Il-Kunsill Lokali ressaq diversi talbiet permezz ta' l-iskemi mneddija mill-Gvern Ċentrali u b'hekk matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill ibbenefika wkoll, mill-ammonti segwenti:

- €466 għall-xiri ta' kotba ġodda għall-Librerija Pubblika
- Il-ħlas kollu sabiex setgħu jerġgħu jiġu orġanizzati korsijiet li fl-Ingliż u l-Malti skont l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja

Għalkemm, il-Kunsill Lokali hu ntitolat għall-ħlas kollu tal-korsijiet bażiċi li qed isiru madanakollu, t-tieni parti ta' l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx milqugħa. Dan għaliex, in segwitu tar-rispons pożittiv u l-marki tajba miġjuba mill-istudenti fil-korsijiet ta' l-Ispanjol u t-Taljan, fl-istess sottomissjoni, l-Kunsill talab li fiċ-Ċentru t'Attivitajiet jibda jiġi offrut *MQF Level 2* għal dawn iż-żewġ suġġetti, bl-għan li l-istudenti jkunu mogħtija l-edukazzjoni li twassal għall-eżamijiet f'livell ordinarju. Minkejja li t-talba kienet ikkunsidrata bħala waħda valida madanakollu, ma ġietx milqugħa.

Apparti l-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija, l-Kunsill ressaq ukoll talbiet oħra partikularment, sabiex ikun eleġġibli li jirċievi finanzjarjament għal titjib fil-*playing fields* eżistenti. In vista tal-fatt, li wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan il-Kunsill Lokali hu li jsebbaħ u jtejjeb l-attrezzamenti li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira, hu tal-fehma, li din hi l-iskema addatata sabiex jkun jista' jkompli jespandi fuq it-tagħmir rekreattiv eżistenti u jindirizza l-*age groups* l-anqas milquta bħala dak ta' tfal bejn 5 u 12 –il sena. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali applika biex jirċievi fondi ħalli jkunu jistgħu jiġu nstallati *Play Structures* u *Stand Alone Product Galleries*, jitkabbru s-*safety carpets zones* u jsir *fencing* tat-*toddlers area*. Il-Kunsill jittama, li din l-applikazzjoni, li s'issa għadha pendenti, tiġi milqugħa u dan minħabba l-fatt, li sabiex jintlaħqu dawn il-miri, l-finanzjarjament neċessarju jammonta għal madwar €70,000.

B'hekk, permezz ta' fondi mill-*U.I.F.* u għajnuna oħra finanzjarja minn fondi oħra mnedija mill-Gvern, qed jingħata opportunita' lill-Kunsilli Lokali, sabiex filwaqt li jkunu jistgħu jitwettqu proġetti li mhux possibbli li jsiru mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkun hemm il-ħtieġa li jew jitnaqqsu s-servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

## b. <u>Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena Jannar sa Diċembru 2011</u>

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma u anke kien innovattiv bl-implimentazzjonijiet li wettaq.

L-impenn fil-qasam soċjali u kulturali kien parti ntegrali mill-ħidma ta' dawn il-Kunsill Lokali u għalhekk, ma naqsux l-attivitajiet li żewqu l-kalendarju tiegħu. Bla dubju, l-attivitajiet għall-anzjani kienu fil-mira ewlenija tal-Kunsill Lokali, bis-Sotto-Kumitat responsabbli minn dan il-qasam ħadem qattiegħ sabiex tella' attivita' kull xahar. Ovvjament, ikun hemm xhur fejn ssir aktar minn attivita' waħda, partikularment, ix-xahar ta' Mejju, xahar importanti għall-Komunita' Gżirjana għaliex propju fil-15 Mejju jiġi ċċelebrat Jum il-Gżira. Ma naqsux izzjajjar ferm mistennija mill-anzjani Gżirjani li jgħixu fid-Dar ta' l-Anzjani fix-Xatt tal-Gżira u San Vinċenż de Paule. Għas-Sotto Kumitat ta' l-anzjani fi ħdan il-Kunsill, dawn iż-żjajjar saru appuntament annwali u bħalma

saret id-drawwa, residenti Gżirjani oħra li jiffurmaw parti mill-*crafts clubbing*, ħejjewlhom ħsieb żgħir għall-okkażjoni. Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Gżira ntagħlqu billi f'nhara saret quddiesa ta' Radd il-Ħajr.

Kemm l-attivitajiet sajfin fix-Xatt kif ukoll, it-tiżjin tad-dawl tal-Milied reġgħu saru, biż-żieda li apparti ix-Xatt, Pjazza Meme' Scicluna, Misraħ Turu Colombo, tiżjin quddiem iċ-Ċentru t'Attivitajiet fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert, ġiet imżejna wkoll, Triq Manoel de Vilhena, l-parti mix-Xatt sa Triq D'Argens. B'hekk, ta' kull sena, l-Kunsill Lokali qed ikompli bl-inizjattiva li tiżdied parti oħra li tkun dekorata għal dawn il-ġranet ta' festi, sabiex b'hekk aktar oqsma fil-lokalita' jingħataw ħajja. In vista tal-fatt, li l-presepju li normalment kien jintrama' fuq iż-żuntier tal-Knisja, ma baqax' jintrama', l-Kunsill Lokali xtara dan il-presepju li minn din is-sena beda jintrama' fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex b'hekk ikompli jiġi gawdut mill-Komunita' Gżirjana.

Għal sena oħra, s-*Summer Music Nights* reġgħu ġew organizzati, pero' tajjeb li jingħad, li anke dawn l-attivitajiet issaħħew u dan kien possibbli billi ntbagħat invit lill-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex, sabiex trammite tal-Kunsilli Lokali ikunu mistiedna persuni b'talent promitenti fil-lokalita' tagħhom, inizjattiva li ħalliet riżultati pożittivi għaliex il-parteċipazzjoni kibret u saru diversi esebizzjonijiet minn gruppi, nkluż Għawdxin li attendew b'entużjażmu għal dawn l-*music nights*. L-istess attivitajiet ġew imżewqa billi ġiet organizzata anke *60s night*, serata li ntlaqgħet tajjeb ħafna, speċjalment minn nies t'eta aktar avvanzata.

Ma setgħax jonqos li tkun organizzata l-Ikla għal min hu waħda li ssir nhar il-Milied, attivita' li bla dubju ta' xejn tixhed l-impenn fl-aktar sens wiesa' tiegħu ta' x'tfisser li tgħix f'Komunita' u li tlaħħaq ma' l-esiġenzi tagħha. Għat-tieni sena konsekuttiva s-Sindku Chris Bonett kien responsabbli minn din l-attivita' li flimkien mal-familjari tiegħu għamluha possibbli li kull min hu waħdu jħossu jappartjeni għall-familja Gżirjani. Is-suċċess ta' din l-attivita' jirriżulta mill-konkorrenza tagħha tant, li biex tintlaħaq id-domanda, l-Kunsill kellu jressaq talba lill-Kumitat Laburista Gżira, biex din tkun organizzata fl-*Orpheum Theatre*, talba li mill-ewwel ġiet milqugħa minn dan il-Kumitat. B'hekk, grazzi għall-koperazzjoni minn dan il-Kumitat kull min kien interessat setgħa jattendi u ma kienx hemm il-ħtieġa ta' ristrizzjoni fuq in-numru ta kemm segħu jattendu. F'dan l-istadju tajjeb li jingħad, li s-suċċess ta' din l-attivita' hu attribwit ukoll, għall-għajnuna li l-Kunsill Lokali sab minn diversi negozjanti fil-lokalita' fosthom, *Azzopardi Fisheries, Matthew's Fresh Fruit & Vegetables, J.J. & J.M. Crai Self Service, Gżira Self Service Store, J&M Butcher, London Butcher* u *l-Partit Laburista,* li taw prodotti ta' l-ikel u xorb bla ħlas. Ringrazzjament isir ukoll, lill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem li għat-tielet sena, offriet is-servizz tagħha li tagħmel it-tisjir għal din l-attivita'.

Jekk kien hemm impenn fil-qasam soċjali u kulturali, l-istess jista' jingħad għal dak edukattiv fejn, bi tkomplija mas-sena preċedenti, l-Kunsill estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħu għal matul din is-sena, li qed jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-*crafts*, għar-raba' sena konsekuttiva l-Kunsill kompla għaddej fuq il-kunċett ta' *crafts clubbing*, bit-tagħlim jingħata mill-kordinattriċi Alexandra Galea.

Madanakollu, anke dan l-aspett ġie msaħħaħ għaliex taħt is-superviżjoni tas-Sna Galea, r-residenti li jattendu dawn il-korsijiet bla ħlas, bil-ħilijiet li tgħallmu preparaw riġali għall-residenti oħra, li tqassmu fl-okkażjonijiet oħra organizzati mill-Kunsill Lokali. B'hekk, reġa' tpoġġa fil-prattika l-kunċett ta' Komunita', fejn ir-residenti jagħtu minn dak li jkunu rċevew mill-istess lokalita'.

L-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill Lokali biex jippartċipa fl-inizjattiva Tagħlim Tul il-Ħajja, reġa' offra opportunita' sabiex aktar residenti jirċievu tagħlim fil-livelli bażiċi ta' l-Ingliż u l-Malti. Sfortunatament, il-Kunsill Lokali ried jintroduċi t-tagħlim fis-somom tant, li kien qed jilqa' applikazzjonijiet għal dan is-suġġett ukoll madanakollu, ma kienx hemm bizzejjed applikazzjonijiet biex setgħa jiġi offrut dan il-kors.

Ma naqasx ukoll, it-tagħlim fl-informatika għal kull eta', liema taħriġ ngħata mill-*Malta Institute of Computer Science*. Dan apparti l-fatt, li l-Kunsill Lokali ppparteċipa fl-iniżjattiva mnedija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li b'finanzjarjament offrut mill-Unjoni Ewropea, qed jiġi offrut taħriġ fis-servizzi elettroniċi offruti mill-Gvern Lokali, bil-programm intitolat *egov4u*.

Anke matul din is-sena finanzjarja, l-librerija pubblika kienet fil-qofol ta' impenn edukattiv, mhux biss għall-parteċipazzjoni ta' dan il-Kunsill Lokali fl-iskema mnedija mill-Gvern permezz ta' liema, żdiedu n-numru ta' kotba għad-disponnibbilta' tal-qarrejja iżda, l-librerija pubblika kompliet tiġi modernizzata b'xiri u nstaller ta' xkaffar ġdid sabiex b'hekk, il-kotba setgħu jitqassmu f'kategoriji kif suppost. Bil-mod kif ġiet ri-organizzata l-librerija, għamlitha possibbli sabiex il-Kunsill flimkien mal-librara jistgħu jippjannaw li jkunu organizzati saħansitra *book fairs*, bil-qliegħ kollu ġġenerat imur għall-istess skop, jiġifieri li jinxtraw aktar kotba. Qed jiġi ppjanat ukoll, li jiġi nstallat *Wi-Fi* fil-librerija pubblika bl-għan, li jekk din it-talba tintlaqa', dan ikun it-tielet *hot spot* fil-lokalita', apparti dawk eżistenti li huma, l-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira u ċ-Ċentru t'Attivitajiet fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert. Il-Kunsill Lokali jinnota, li mertu għal dan is-suċċess hu dovut għall-librara Nathalie Camilleri, li bid-dedikazzjoni tagħha saħħet dan is-servizz tant, li l-librerija qed tinfetaħ anke filgħaxija sabiex tlaħħaq l-esiġenzi ta' dawk li mhux possibbli li jattendu filgħodu. Dan l-impenn

wassal sabiex matul din is-sena finanzjarja is-self ta' kotba żdied b'1,627, u b'hekk l-ammont globali laħaq għal 5,690.

In vista tal-fatt, li l-Gvern Ċentrali ħabbar li kemm id-Dar ta' l-Anzjani tax-Xatt il-Ġżira kif ukoll, iċ-Ċentru tas-Saħħa ser jiġu ri-lokati, l-Kunsill Lokali għamel laqgħa mal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari responsabbli minn dan il-qasam, sabiex ġiet diskussa din is-sitwazzjoni. Fil-fatt, ġie spjegat li minħabba li ż-żewġ postijiet għandhom problemi loġistiċi, li ma jippermettux li dawn jiġu mgħammra b'faċiltajiet skont l-i*standards* neċessarji, l-Gvern ma kellux alternattiva oħra ħlief, li jirrisolvi għad-deċiżjoni meħuda u jittrasferihom. Għaldaqstant, l-Isptar Zammit Clapp ser ikun il-post għalfejn ser tiġi trasferita d-Dar ta' l-Anzjani filwaqt, li ġiet sottomessa applikazzjoni l-M.E.P.A. sabiex il-*parking area* ta' l-istess sptar tiġi zviluppata f'Ċentru għas-Saħħa. B'eżitu tal-fatt, li t-trasferiment tad-Dar ta' l-Anzjani hu ppjanat għal Frar 2012, il-Kunsill Lokali fuq parir tal-Ministru responsabbli kiteb lit-*Transport Malta* sabiex jiġi assigurat li jkun hemm s-servizz ta' trasport pubbliku adegwat b'intervalli regolari.

Il-Kunsill Lokali kompla bl-impenn infrastrutturali u bejn ix-xhur Novembru 2010 u Marzu 2011, tlesta l-proġett infrastrutturali li kien jinkludi l-bdil tas-servizzi ta' l-ilma, bankini u l-asfaltar tat-toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner.

In vista tal-fatt, li fi Triq Coleridge, nstab li kien hemm problema fil-bażi tagħha, l-Kunsill Lokali ngħata permess speċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-kuntrattur ikun jista' jagħmel xogħlijiet addizzjonali, problema li tfaċċat ukoll, fit-toroq Sir Frederick Ponsonby u Sir Patrick Stuart iżda, għal dawn iż-żewġ toroq, id-Dipartiment ma laqax t-talba mressqa għal xogħlijiet addizzjonali.

Trammite ta' waħda mill-iskemi mill-Gvern Ċentrali, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali laqa' l-applikazzjoni mressqa minn dan il-Kunsill matul is-sena 2010, sabiex jsir proġett infrastrutturali fit-Toroq Stuart u Posnony. Fil-fatt, bħalma hi proċedurali li jsir meta jkunu ser isiru proġetti simili, l-Kunsill Lokali ħareġ sejħa lill-entitajiet kollha, sabiex kull min kellu jagħmel ix-xogħol, dan ikun inkluż fil-proġett. Mill-entitajiet kollha, l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u Enemalta laqgħu s-sejħa tal-Kunsill tant, li fiż-żewġ toroq, nbidlu l-mejnijet ta' l-ilma u s-servizzi tad-djar filwaqt, li fi Triq Stuart ġew mgħoddija wkoll, *high-tension cables*.

Fir-rispett tal-ħames toroq hawn fuq imsemmija, l-Kunsill Lokali kellu jagħmel tajjeb għall-ħlas tax-xogħlijiet tat-trinek sabiex setgħu jiġu mqedgħa l-mejnijiet ta' l-ilma u dan abażi tal-proċeduri ġodda li ħarġet il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, li japplikaw għal kull proġett li

ma jkunx ippjanat minnha. Dan apparti wkoll, li kuntrarju għal kif kien isir qabel, il-mejnijiet ġew mgħoddija fil-bankini fattur, li l-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon, għaliex b'eżitu t'hekk, kull meta tiżviluppa xi ħsara ma jkunx hemm għalfejn jintmess it-tarmak u tiġi evitata ħsara nutli fil-wiċċ tat-triq.

Bi tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali reġgħa naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts,* tat-toroq ix-Xatt minn Triq Parisio sa Triq San Ġorġ, Reggie Miller, Emanuele Giordano, Luqa Briffa, Turu Rizzo Triq Sliema u D'Argens.

Bit-tkomplija mal-pjanijiet kif msemmi fir-rapport amministrattiv preċedenti, matul din is-sena, l-Gvern Ċentrali ta' bidu għax-xogħol fuq l-iskavar f'Wied Għollieqa sabiex ikun jista' jinbena l-ġibjun li hu ppjanat li jkollu *overflow* li tqabbad mas-sistema tan-*National Flood Relief Project*. Bla dubju, dawn huwa proġetti ferm importanti għal din il-lokalita', bl-għan li titaffa l-problema ta' l-għargħar u għalhekk, il-Kunsill Lokali ser jibqa' jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex dawn il-proġetti, nkluż l-estenzjoni ta' l-i*storm water culvert* fix-Xatt, jitwettqu.

Abazi tal-kuntratti perjodiċi, tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fis-*soft areas* u fix-Xatt mill-*E.L.C.,* saru xogħlijiet ta' *road markings,* tranġar u nstallazzjoni ta' tabelli ġodda tat-toroq mill-Ko-perattiva Tabelli u Sinjali kif ukoll, l-kuntrattur George Spiteri għan-nom tad-ditta *J & K Contractors* kompla għaddej bil-ħidma ta' xogħlijiet ta' *Patching and Pavement Re-Instatement Works*. Fil-fatt, fost ix-xogħlijiet li saru minn dan il-kuntrattur, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini ta' Troq Belvedere mix-Xatt sa Pjazza Meme Scicluna, Triq Giacint Tua minn Toroq Nazju Ellul sa Luqa Briffa kif ukoll, Triq Bouverie minn Triq Flotta sa Triq Carlo Manche, bankina li minkejja d-diżlivellar qawwi li kellha, permezz ta' dan il-kuntrattur, l-Kunsill Lokali setgħa jilqa' t-talbiet ta' diversi residenti biex tiġi rranġata.

Apparti dawn is-servizzi, dan il-Kunsill Lokali joffri ħidma oħra permezz tal-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill li huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet u *gazebos*, installazzjoni ta' reċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini, tranġar ta' tabelli tat-traffiku kif ukoll, kienu responsabbli minn xogħlijiet ta' manutenzjoni, fl-uffiċċju amministrattiv u l-librerija pubblika. Dan ix-xogħol ġie mwettaq ukoll, bl-għajnuna ta' ħaddiema assejati mal-Kunsill Lokali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi u Taħriġ (E.T.C.) skont l-Iskema Xogħol fil-Komunita', ħaddiema li minkejja li kienu qed jintbagħtu fuq bażi temporanja ta' sitt xhur, s'issa it-terminu tagħhom baqa' jiġi mġedded.

Intant, matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill Lokali ssieħeb fl-iskema mnedija mill-Uffiċċju ta' Projbizzjoni, fejn persuni qed jiġu assenjati

mal-Kunsill Lokali sabiex jwettqu xogħol volontarju għal ġid tal-Komunita' għal numru ta' siegħat. B'sodisfazzjon il-Kunsill jinnota, li s'issa diġa' kellu żewġ esperjenzi pożittivi, u jittama li jkompli joffri aktar opportunitajiet lill-persuni li jintbagħtu.

B'kontinwazzjoni mas-sena preċedenti, s-servizzi ambjentali komplew jiġu offruti mill-istess kuntratturi ngaġġati mal-Kunsill Lokali fis-sena preċedenti.

Fil-fatt, estenda l-kuntratt lill-Emanuel Mifsud għall-ġbir ta' l-iskart domestiku u dak separat, skart goff u manutenzjoni u ġestjoni tal-latrina pubblika filwaqt, li *SRF Cleaning Services* kien responsabbli mill-knis u l-qtugħ ta' ħaxix. Fir-rispett tal-kuntratt tal-knis, l-Kunsill Lokali ntroduċa sistema ġdid ta' kif jinkinsu t-toroq billi l-lokalita' inqasmet f'żewġ żoni, bi Triq D'Argens tkun it-triq li taqsam iż-żoni liema żoni, jinkinsu fuq bażi alternattiva. L-għan ta' din l-implimentazzjoni hi sabiex kull triq apparti x-Xatt u Triq Manoel de Vilhena sa Triq D'Argens li jitnaddfu kull jum, jinksu darba iva u oħra le. Intant, matul din is-sena finanzjarja ġew estiżi kuntratti oħra u cioe' lil *Contract Manager* ta' l-Ambjent Alfred Portelli, lid-ditta *E.L.C.* responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi kif ukoll, il-kuntratti tal-poloz t'assikurazzjoni u marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku lid-ditti *AON Insurance Brokers* u lill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali rispettivament.

Matul din is-sena finanzjarja, ġew ppubblikati Sejħiet għall-Offerti għall-

- *GLC 05/2011 – Resurfacing Works fil-Gżira Housing Estate*
- *GLC 06/2011 – Upgrading of Kerbs and Pavements – Zone 1 The Stand and Town Centre*

Iż-żewġ offerti hawn fuq imsemmija ġew evalwati u mirbuħa mid-ditta *Polidano Bros LTD*. Ix-xogħol fuq l-ewwel sejħa sar matul ix-xahar ta' Diċembru 2011 filwaqt, li dak tal-bankini hu ppjanat li jinbeda f'Jannar 2012. Matul din is-sena, l-Kunsill Lokali kompla għaddej bl-appell fir-rispett tas-sejħa għall-offerti maħruġa fis-sena 2010 *Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste & Hiring of Skips,* is-sentenza ta' liema hi ppjanata li tingħata f'Mejju 2012.

Fl-istess sena finanzjarja l-Kunsill ippubblika ħdax –il kwotazzjonijiet li kienu

- *GLC01/2011 - Flights including insurance*
- *GLC02/2011 - Supply of 3 Swivel Office Ergonomic Chairs*
- *GLC03/2011 - Supply of 3 Computer Monitors*
- *GLC04/2011- Supply of Air Purifier*
- *GLC07/2011 - Supply of 3 Computer Monitors*

- *GLC08/2011 - Supply of 2 Mobile Toilets*
- *GLC09/2011 - Cleaning of Water Culverts*
- *GLC10/2011 - Supply and Installation of Playing field Equipment*
- *GLC11/2011 - Supply and Installation of Outdoor Gym Equipment*
- *GLC12/2011 - Christmas Light Decorations*
- *GLC13/2011 - Supply and Installation of 25 Litter Bins*

Anke fir-rispett ta' dawn il-kwotazzjonijiet, nħatru *Boards* ta' aġġudikazzjoni sabiex setgħu jitressqu r-rakkomandazzjonijiet matul il-laqgħat tal-Kunsill. Fil-fatt, b'eċċezzjoni tal-kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *3 monitors tal-computer*, il-kwotazzjonijiet kollha ġew aġġudikati u mirbuħa mid-ditti segwenti jiġifieri *FCM Travel Solutions*, *C.S.D. Office Trade, M.A.&A. Services Ltd.*, *Joe Bonnici & Sons LTD, General Ecological Services Co. Ltd., JGC LTD* li rebħu kwotazzjoni 10 u 11/2011, Socjeta Filarmonika Stella Maris *u Cast Iron Products.* Mis-sejħiet imsemmija, il-Kunsill irċieva s-servizzi kollha b'eċċezzjoni għal *outdoor gym equioment* u *litter bins* li ser ikun nstallati fi Frar 2012.

Intant, matul din is-sena finanzjarja l-Kunsill Lokali trammite ta' *expression of interest* nġaġġa lis-Sna Johanna Caruana, bħala l-*Accountant* tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill attenda laqgħat ta':

- Reġjun Ċentrali li minnu dan il-Kunsill Lokali jifforma parti
- l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.
- *seminars informattivi* msejħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
- mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
- mal-Pulizija tad-Distrett Sliema
- *Vice Squad*
- *Criminal Investigation Department*
- *Drug Squad*
- *Traffic Section*

- Ministeru responsabbli mis-Saħħa, Anżjani u Kura fil-Komunita'
- Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali
- Direttorati fi ħdan it-Trasport ta' Malta
- Ditti li joffru servizzi ta' skart separat skont l-iskemi l-ġodda maħruġa mill-Gvern Ċentrali
- Diversi kumpaniji kummerċjali privati
- Diversi għaqdiet lokali u NGOs

Minn din is-sena finanzjarja, uħud mill-impjegati tal-Kunsill Lokali attendew taħriġ dwar sistemi ġodda dwar permess fejn ikun jinħtieġ li jinfetħu uċuh ta' toroq, is-sistema ta' ħlas tal-kirijiet tal-Gvern, sistema ta' ħlas tal-liċenċji tal-kummerċ organizzati mill-*Staff Development Unit* fi ħdan is-Segretarjat responsabbli mill-Gvern Lokali u minn kumpaniji privati. L-i*staff* ta' dan il-Kunsill Lokali kien ukoll, magħżul biex jifforma parti mill-proġett pilota għas-sistema l-ġdida dwar pagamenti u depożiti ta' l-Infurzat Lokali.

## c. <u>Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.</u>

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

Bħalma sar matul is-sena finanzjarja preċedenti, l-Gvern Ċentrali trammite tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ta struzzjonijiet lill-Kunsill Lokali li l-ammonti allokati għall-manutenzjoni ta' toroq, li jinkludu ukoll tindif ta' toroq, jridu jintużgħaw bilfors għall-iskop li ngħataw sakemm ma jkunx hemm awtorizazzjoni oħra mill-istess Dipartiment altrementi, l-Kunsill Lokali jkun suġġett għal tnaqqis fil-pagament sussegwenti minħabba l-fatt, li l-allokazzjoni diretta kif imsemmija fl-introduzzjoni ta' dan ir-rapport, ma tingħatax f'ammont ħolistiku fil-bidu tas-sena iżda titqassam fuq erba' *tranches*.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet ikkonċentrata partikularment fuq il-punti hawn taħt msemmija:

(i) Tindif, inkluż ġbir ta' skart goff, domestiku mħallat u separat u knis € 222,065
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays* € 14,203
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini, r*ubber speed moderators u culverts* € 40,127
(iv) Servizzi Professjonali € 27,140
(v) Ġonna € 26,645

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena Jannar sa Diċembru 2011 bħala waħda sodisfaċenti.

Matul il-perjodu 1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011, issejħu 18–il laqgħa tal-Kunsill Lokali li minnhom tlieta ma sarux minħabba l-fatt, li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qal, li dawn is-sejħiet ma kienux skont il-liġi. Fil-fatt, għall-laqgħa urġenti tat-8 ta' Lulju 2011 kien hemm żewġ sejħiet li kif spjegat, din kienet waħda mis-sejħiet miżmuma mid-Dipartiment. Apparti din il-laqgħa urġenti, matul din is-sena finanzjarja kien hemm żewġ laqgħat oħra imsejħa urġentament li kienu fit-28 Lulju u 1 Diċembru 2011, liema laqgħat saru. Intant, il-laqgħa tas-27 Lulju 2011, ma saritx minħabba li ma kienx hemm quorum. Għadaqstant, b'kollox saru 14 –il laqgħa u l-attendenza għalihom kienet kif hawn taħt elenkat:

| | Laqgħat | Preżenti | Skuzati | Assenti | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Joseph Camilleri | 14 | 13 | 1 | 0 | 92.86% |
| Anthony Abela | 14 | 14 | 0 | 0 | 100% |
| Anthony Grech | 14 | 12 | 1 | 1 | 85.71% |
| Ian Micallef | 14 | 10 | 3 | 1 | 71.43% |
| Malcom Camilleri | 14 | 12 | 1 | 1 | 85.71% |
| Victor P Rutter | 14 | 12 | 1 | 1 | 85.71% |

In vista tal-fatt, li x-xogħol amministrattiv kompla jiżdied, l-Kunsill Lokali ressaq t-talba tiegħu sabiex jiġi naġġat impjegat ieħor fuq bażi *full time*, madanakollu s'issa t-talba tal-Kunsill għadha pendenti.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa soċjali kull xahar għall-Anzjani kif ukoll, żjarat lill-Anzjani kemm fil-lokalita' u fir-residenzi ta' l-Anzjani.

Matul l-2011, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012

Kif wieħed setgħa jinnota matul din is-sena ta' ħidma, l-Kunsill kompla għaddej b'impenn kemm fuq dak li kien nbeda jew ġie ppjanat fis-sena preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Din is-sena serviet, biex il-Kunsill kompla saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk, kompla bil-pjan tiegħu skont ir-responsabbilitajiet mogħtija fil-bidu tal-leġislatura sabiex il-programm intensiv ta' twettiq ta' xogħol setgħa jkompli jiġi eżawrit kif ukoll, fejn kien neċessarju ġew introdotti kunċetti ġodda biex kien possibbli li jittejjeb is-servizz mogħti lill-Komunita' tagħna. Bla dubju, l-ħidma mwettqa matul din is-sena kompliet turi l-impenn serju ta' dan il-Kunsill, mhux biss lejn ir-residenti iżda ukoll, lejn il-Komunita' kummerċjali u kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna.

## f. <u>Għeluq</u>

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja Jannar 2011 sa Dicembru 2011 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv